**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Sentenza**

Mogħtija illum it-Tlieta, tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 578/2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Jason Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jason Zammit** ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled ir-Rabat Għawdex nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' April 1974 u residenti "Jassyl", Triq Kemmuna, Għajnsielem, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10174(G) talli bejn Awwissu 2021 u April 2022, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru

l-istess dispoizzjoni tal-liġi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'rioluzzjoni waħda[1]:

(1) approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat li ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, u dan għad-dannu ta' Stephen Spiteri Staines u Michael Spiteri Staines u/jew persuni/entitajiet oħra;[2]

(2) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi, bi ħsara ta' Stephen Spiteri Staines u Michael Spiteri Staines, għamel xi qliegħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.[3]

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa

[1] Artikolu 18 tal-Kap.9
[2] Artikolu 293 u 294 tal-Kap.9
[3]Artikolu 309 tal-Kap. 9

dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2021, Michael Spiteri Staines ra reklam fuq Maltapark fejn l-akkużat kien qed jirreklama l-bejgħ ta' karozza tat-tip Suzuki Jeep LJ80. L-għada huwa għamel kuntatt mal-akkużat fejn wera l-interess li jixtri din il-vettura. Sabiex ikun jista' jirriżervalu l-vettura anke għaliex kien hemm xi ħadd ieħor li kien interessat li jixtri l-istess vettura, l-akkużat talbu mitejn Ewro (€200) bħala depożitu. Dan l-ammont intbgħat minn Michael Spiteri Staines permezz ta' revolut. Ġurnata qabel mal-parte civile Michael Spiteri Staines kellu jmur jara l-vettura, l-akkużat talbu mitt ewro (€ 100) oħra bħala favur u qallu li kien se jnizzilu l-prezz tal-vettura. Michael Spiteri Staines kellu biss sebgħin ewro (€ 70) fil-kont

revolut u bgħattlu dan l-ammont fuq numru li tah l-akkużat li irriżulta li kien jgħajjat lil ċerta Dorianne.  Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Awissu 2021, Michael Spiteri Staines mar jara l-vettura u ftiehem mal-akkużat fuq il-prezz totali ta’ tlett elef Ewro (€3000) għall-akkwist tal-vettura bil-kundizzjoni li jkollha bonett, roti u bumper oriġinali.  Dakinhar Michael Spiteri Staines għadda lill-akkużat l-ammont ta’ seba’ mija u tletin Ewro (€730) oħra fi flus kontanti biex b’hekk l-akkużat jkollu depożitu totali ta’ elf Ewro (€1000).  Erbat ijiem wara u ċioe fit-tmienja u għoxrin (28) ta’ Awissu 2021, Stephen Spiteri Staines (li jiġi missier Michael Spiteri Staines) ħallas ammont ulterjuri ta’ elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) lill-akkużat biex b’hekk sadakinhar l-akkużat kien rċieva s-somma ta’ elfejn u ħames mitt ewro (€ 2,500).  Stephen Spiteri Staines iffirma wkoll il-log book biex ikun jista’ jsir it-transfer tal-vettura.

Ftit ġranet wara l-akkużat reġa’ talab lil Michael Spiteri Staines mija u ħamsin Ewro (€150) tar-roti u mija u ħamsin Ewro (€150) tal-bumper, liema żewġ pagameti saru wkoll permezz tar-Revolut. Xi jiem wara l-akkużat informa lil Michael Spiteri Staines li sab magna oriġinali u talbu mitejn Ewro (€200) oħra għaliha.  Dawn wkoll intbgħatu fuq in-numru li tah l-akkużat.  B’hekk l-parte civile ġie li kien tah b’kollox tlett elef ewro (€ 3,000).  Il-ftehim bejn il-partijiet kien, li l-*Vehicle Roadworthiness Test* (VRT) tal-vettura kellu jieħu ħsiebu jagħmlu l-akkużat.  Zammit dam jgħid lill-parte civile li kien qed jipprova jgħaddi

l-istess vettura mil-imsemmi *test* minn Settembru 2021 sa Jannar 2022.

Fil-bidu ta' Jannar 2022, meta imbagħad il-partijiet iltaqgħu ġewwa Għawdex, l-akkużat informahom illi l-karozza ma kinitx għaddiet mill-*VRT* u li għalhekk kien se jgħaddilhom il-flus lura. L-akkużat assikura lill-parte civile kemm -il darba li huwa kien se jirrifondi l-ammont imħallas. Imma baqa' qatt ma għamel dan. Il-parte civile għalhekk għamlu rapport kontra l-akkużat fl-Għassa tal-Pulizija ġewwa r-Rabat Għawdex u l-Pulizija mexxiet bil-kawża odjerna kontra l-akkużat. Fl-istess żmien l-akkużat reġa' irrekklama fuq Marketplace l-istess vettura għal-prezz ta' tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900).

Ikkunsidrat:

- ***<u>L-Ewwel Akkuża - Artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali</u>***

Dawn l-artikoli jitkellmu fuq ir-reat ta' approprjazzjoni bla jedd. Erba' huma l-elementi ta' dan ir-reat:

(1) il-ħati jrid jkun rċieva flus jew oġġetti oħra mingħand xi ħadd, liema flus jew oġġetti jkunu ġew konxjoament mgħoddija lilu mill-vittma;

(2) il-flus jew l-oġġetti jridu jkunu ġew hekk konsenjati bl-obbligu li l-ħati jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku;

(3) il-ħati irid idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor, b'mod li huwa jonqos li jrodd lura il-flus jew l-oġġetti konsenjati lilu jew inkella jagħmel użu minnhom għal skop divers minn dak li għalih jkunu ingħataw lilu;

(4) dan kollu l-ħati jrid jagħmlu bl-iskop li jagħmel qliegħ jew jottjeni xi forma ta' vantaġġ ieħor għalih jew għall-ħaddieħor.[4]

Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emanuel Balzan***,[5] deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn ingħad li: *"L-element partikolari tar-reat t' appropjazzjoni indebita mhux l-użu tal-ingann da parti tal-aġent biex jottjeni l-oġġett* ***iżda dik l-inverżjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa*** *li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volonta' ta' dan."* (Enfażi tal-Qorti).

Mill-provi prodotti m'hemmx dubju li l-parte civile ħallsu lill-akkużat is-somma totali ta' tlett elef ewro (€ 3,000). Is-somma li tħallset kienet il-prezz miftiehem għall-akkwist ta' vettura tal-marka Suzuki. Mill-provi pero ma jirriżultax li din is-somma ta' flus ġiet konvertita mill-

[4] Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998
[5] Deċiża fis-27 ta' Lulju 2011. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Said, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ġunju 2014.

akkużat għal raġuni jew skop divers minn dak għalfejn kienet ġiet fdata lilu. Infatti fl-atti m'hemm l-ebda prova – lanqas fuq bażi ċirkustanzjali – li tindika li l-fondi imħallsa lill-akkużat ġew utilizzati għal xi skop ieħor jew inkella marru x'imkien ieħor. Il-Prosekuzzjoni kienet taħt l-obbligu li tagħmel tali prova. Din m'għamlithiex. Fin-nuqqas ta' tali prova kruċjali, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża.

- ***<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 309 tal-Kap. 9</u>***

L-artikolu 309 jikkontempla dak li l-Qrati tagħna spiss jirreferu għalih bħala *"frodi innominat".* Dr Stefano Filletti fil-ktieb tiegħu intitolat *A Criminal Law Handbook* jiddefinixxi ir-reat kontemplat f'dan l-artikolu bħala *"a residual, umbrella provision, stipulating that a person can be guilty of fraud when maliciously with intent to defraud, deceit is applied and as a result of which an unjust gain is derived."*[6]

Minn eżami tal-istess artikolu tal-liġi wieħed jista' jinnota kif il-leġislatur ma jispeċifikax xi *actus reus* partikolari sabiex ikun jista' jissussisti dan ir-reat. Dan ifisser li – sakemm il-fattispecie tal-każ ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali taħt l-istess sub-titolu – kwalsiasi att li jkun frawdolenti fin-natura tiegħu jista' jiġi punit taħt dan l-artikolu.

[6] Filletti S., *Criminal Law Handbook*, Kite Group Malta (2023), p. 133.

In oltre sabiex tkun tista' tinstab ħtija f'dan l-artikolu, il-Qrati tagħna irritenew wkoll li lanqas m'hemm il-ħtieġa li jkun hemm xi mise-en-scene. Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Aaron Mizzi*** fejn il-Qorti speċifikat li:

> *"fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***<u>sempliċi gibda hija biżżejjed biex twassal għall-kummissjoni ta' dan ir-reat</u>*** *u l-messa in scena mhix neċessarja. Madanakollu il-gibda trid tkun tali li twassal għat-telf patrimonjali tal-vittima hekk kif rikjesta mil-liġi."*[7] (Enfażi tal-Qorti)

Minn eżami tal-provi prodotti huwa ċar li dak li għamel l-akkużat **<u>kienet gidba mill-bidu sal-aħħar</u>** intiża biex huwa jagħmel qliegħ għad-dannu tal-parte civile. Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

(1) il-vettura kienet qed tiġi reklamata sabiex tintuża fit-triq. Ma kinitx qed tiġi reklamata għall-bejgħ għall-fini ta' parts. Dan huwa konfermat mill-istess akkużat meta fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awissu 2021 fl-okkażżjoni meta huwa rċieva l-ħlas akkont ta' elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) kien talab lil Stephen Spiteri Staines biex jiffirma fuq il-log book biex ikun jista' jsir it-trasfer la darba jsir il-VRT. Mela allura l-akkużat kien konxju li

[7] Deċiża fil-15 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

din il-vettura kienet sejra tintuża fit-triq u l-parte civile kien qed jixtriha biex tintuża fit-triq u għall-ebda raġuni oħra. Mela allura kien essenzjali li l-vettura tkun *road worthy*. Ma jistax jitqies li din kienet xi kundizzjoni li ġiet imposta wara għax kienet inerenti għan-negozju ta' bejn il-partijiet;

(2) fl-istqarrija tiegħu l-akkużat jiddeskrivi lilu nniffsu bħala li *"jaħdem ġol-karozzi, inbiegħ il-karozzi."*[8] Żgur għalhekk li l-istess akkużat għandu konoxxenza tal-vetturi u ta' dak li huwa rikjest sabiex vettura tgħaddi mill-VRT. Ma kienx xi wieħed li sempliċiment kellu vettura tiegħu personali u għamel negozju ta' darba. Li kieku kien hekk wieħed forsi seta' jiġih dubju dwar jekk l-akkużat kienx konxju tal-problemi li seta' kien hemm biex il-vettura tgħaddi mill-VRT. Pero dan assolutament mhux il-każ hawnhekk għaliex il-bejgħ tal-vetturi kien il-*bread and butter* tal-akkużat skont kif jammetti huwa stess. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-akkużat bħala bniedem tas-sengħa u li jifhem ma kellu qatt jitfa' l-vettura għall-bejgħ jekk kien konxju li din il-vettura seta' jkollha problem biex tgħaddi mill-VRT. Il-fatt li għamel hekk huwa indikattiv li kellu intenzjonijiet oħra;

(3) l-akkużat beda jitlob il-flus lill-parte civile Michael Spiteri Staines meta dan kien għadu lanqas biss ra l-vettura. L-iskuża li jġib l-akkużat kien li kien hemm xi ħadd li kien interessat fl-istess

[8] Fol. 12 tal-proċess.

vettura u allura ried li Michael Spiteri Staines jingħata preċedenza għall-akkwist ta' din il-vettura. Dan l-individwu li l-akkużat kien għamel riferenza għalih baqa' qatt ma ġie identifikat mill-istess akkużat, lanqas waqt l-istqarrija tiegħu. Dan jindika kif l-akkużat kellu ċerta ħerqa biex jaqbad lill-parte civile fin-nassa tiegħu;

(4) sakemm il-parte civile ħallsu l-ammont kollu li kienu ftehmu dwaru fuq il-vettura, l-akkużat **<u>qatt ma għamel riferenza għal xi tip ta' problemi li seta' kien hemm</u>**. Anzi mill-messaġġi li kienu qegħdin jiġu skambjati bejn il-partijiet l-akkużat kien qed jagħti x'jifhem lill-parte civile li n-negozju kien għadu għaddej b'mod normali u li huwa kien qed jirranġa l-affarijiet skont kif kienu ftehmu. Is-sitwazzjoni pero inbiddlet wara li l-parte civile kienu ħallsu kollox. Minn dakinhar bdew l-iskużi: li kien jonqos xi xogħol żgħir biex il-vettura tersaq għall-VRT u liema xogħol kien se jkun lest dalwaqt. Dawn l-iskużi, li bdew lejn l-aħħar ta' Settembru 2021, baqgħu għaddejjin sal-aħħar ta' dik is-sena;

(5) L-akkużat kien dejjem jitlob il-flus lill-parte civile bl-iskuża li kien xtralu r-rimijiet, il-bumper u l-magna. Pero prova ta' dawn l-akkwisti li l-akkużat jgħid li kien għamel la qatt ta lill-parte civile u lanqas ma ippreżentahom tul dawn il-proċeduri. Xi forma ta' dokumentazzjoni għal tali akkwisti – jekk tabilħaqq kienu saru – l-akkużat kellu jkollu għad-disposizzjoni tiegħu. Anke li kieku ma kellux seta' faċilment bagħat ritratti tal-affarijiet li kien akkwista

lill-parte civile bħala prova ta' tali akkwist. Dan l-akkużat m'għamlux.

(6) meta fit-tmienja (8) ta' Ottubru 2021, l-akkużat intalab minn Michael Spiteri Staines sabiex jibgħatlu kopja tal-log book sabiex Spiteri Staines jkun jista' jassikura l-vettura, l-akkużat ma bagħtlu xejn. Jgħidlu biss li l-ewwel kien sejjer jgħaddiha mill-VRT u imbagħad jgħaddilu l-lock book wara. Dan il-log book żgur li kien fil-pussess tal-akkużat u l-akkużat ma kien se jitlef xejn li kieku għaddielu kopja tiegħu jew imqar ritratt, aktar u aktar meta dan kien ġia ġie iffirmat minn Stephen Spiteri Staines. Jekk kollox kien se jkun sew, l-akkużat ma kellux għalfejn ma jibgħatx il-kopja mitluba sabiex il-vettura tkun tista' tiġi assikurata. Għall-Qorti dan huwa indikattiv tal-fatt li l-akkużat kien ilu konxju li minkejja l-ftehim li huwa kien għamel mal-parte civile għall-bejgħ ta' din il-vettura u minkejja li l-istess akkużat kien qed jitlob il-ħlas abbażi ta' dan il-ftehim, huwa ma kienx sejjer ikun f'posizzjoni li jgħaddi din il-vettura lill-parte civile Michael Spiteri Staines. L-akkużat lagħab il-logħba sakemm ġabar il-flus u imbagħad biddel l-atteġġjament tiegħu. Huwa ċar li ma kienx hemm sinċerita da parti tal-akkużat; l-iskop tal-akkużat kien biss li huwa jiġbor somma ta' flus abbażi ta' bejgħ li l-istess akkużat kien jaf li ma setax javvera ruħu;

(7) għalkemm l-istess akkużat dam minn Ottubru 2021 sal-aħħar ta' dik is-sena jgħid li kien sejjer jgħaddi l-vettura mill-VRT u sussegwetement iddikjara li biex tgħaddi mit-test ried jonfqilha eluf ta' ewro, huwa baqa' ma ġab lanqas l-iċken prova biex jissustanzja din il-posizzjoni tiegħu. Il-Qorti tifhem li biex għamel tali dikjarazzjoni l-akkużat bil-fors li mar għand xi ħadd tal-VRT li ra l-vettura u identifika l-problemi li kien hemm fl-istess vettura sabiex din tkun tista' tiġi ċertifikata bħala road worthy. Huwa minnu li l-oneru tal-prova huwa fuq il-Prosekuzzjoni; pero la darba l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha u l-istess akkużat kien għamel tali dikjarazzjonijiet mal-parte civile kien fl-interess tiegħu li huwa jġib prova ta' dak li huwa kien għamel b'rabta ma' dan it-test tal-VRT. Dan sabiex huwa jelimina kull dubju dwar ir-responsabbilita kriminali tiegħu.

(8) Il-fatt li l-istess akkużat reġa' tefa' l-istess vettura għall-bejgħ fuq Maltapark meta kien konxju li din kellha l-problemi jkompli jikkonferma kemm kien huwa qed jigdeb lill-parte civile *throughout*. Ta' min jinnota li l-vettura intefgħet għall-bejgħ bil-prezz ta' tlett elef u disat mitt ewro (€ 3,900). Dan meta fl-istess stqarrija tiegħu l-istess akkużat kien indika mal-Pulizija li jekk il-vettura ma kienx sejjer jonfqilha tlett elef (€ 3,000) jew elfejn ewro (€ 2,000) din ma kinitx sejra tgħaddi mill-vettura. Din il-Qorti issaqsi: jekk bil-prezz ta' tlett elef ewro (€ 3,000) li ġia l-akkużat kellu f'idejh mingħand Spiteri Staines, huwa ma kienx

dispost li joħroġ dawn l-elufi biex tittranġa l-vettura, x'sens kien jagħmel li l-istess akkużat jirreklama l-istess vettura b'disa mitt ewro (€ 900) aktar biss ?! Jekk l-akkużat kien konxju bis-sitwazzjoni – kif sewwasew jgħid li kien – żgur li bil-prezz il-ġdid li talab ma kienx sejjer jifdi l-ispejjeż li kien hemm il-ħtieġa li jintefqu fil-vettura biex din tgħaddi mill-VRT! Dan kollu jindika n-nuqqas ta' kredibbilita tal-akkużat u li effettivament l-istess akkużat daħaq bil-parte civile bl-iskop li jagħmel qliegħ minn fuq daharhom;

(9) Il-parte civile fid-deposizzjoni rispettiva tagħhom kienu ċar dwar kif u meta ħallsu l-flus lill-akkużat u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dwar dak sosntut mill-parte civile u l-ammont li huma ħallsu. L-akkużat inniffsu fl-istqarrija tiegħu jirrikonoxxi li huwa rċieva s-somma ta' tlett elef ewro (€ 3,000) mingħand il-parte civile.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tad-difiża li l-materja hija waħda purament ċivili. Li kieku dan kien negozju li sempliċiment mar ħażin, wieħed jkun propens li jaqbel mal-linja tad-difiża. Pero minn eżami ta' kif żvolġew l-affarijiet huwa ċar li saru wisq maniġġi u dikjarazzjonijiet foloz da parti tal-akkużat li jindikaw biċ-ċar li l-għan aħħari tiegħu kien **biss** li jagħmel qliegħ a skapitu tal-parte civile. Huwa dan li jirrendi l-aġir tal-akkużat wieħed kriminali.

Din l-akkuża għalhekk tirriżulta li ġiet sodisfaċentement pruvata u l-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax wkoll kif minkejja li bejn meta sar ir-rapport f'April 2022 sal-lum għaddew sentejn u nofs, l-akkużat baqa' ma ħallasx ċenteżmu wieħed lura lill-istess parte civile u lanqas ma jidher li għamel xi sforz ġenwin biex l-ammont jitħallas lura. Dan minkejja li huwa stess rrikonoxxa li dawn il-flus huma dovuti lilhom. Dan aktar jkompli jikkonferma kemm l-iskop tal-akkużat kien li juża l-parte civile biex jagħmel qliegħ minn fuqhom. Dan kollu sejjer jiġi rifless fil-piena li sejra tiġi imposta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi:

(a) il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża</u>** u qiegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikolu 309 tal-Kap. 9, il-Qorti **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tat-tieni akkuża</u>** u qed tikkundannah għal sitt (6) xhur ħabs, liema perijodu ta' priġunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Wara li rat wkoll l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna wkoll lill-ħati sabiex iħallas lil Michael u Stephen Spiteri Staines flimkien u solidalment bejniethom fi żmien sitt (6) xhur mil-lum l-ammont ta' tlett elef ewro (€ 3,000) rappreżentanti l-qliegħ li l-istess ħati għamel għad-dannu tal-istess Michael u Stephen Spiteri Staines. Din l-ordni ta' ħlas għandha titqies bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Ċivili kompetenti.

Fit-termini tal-artikolu 28H(8) tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem sempliċi bil-konsegwenzi jekk huwa ma jagħmilx il-ħlas fit-termini tal-artikolu 28H.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Magistrat

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur